# Għotja Legali u Finanzjarja

## Linji Gwida u Regolamenti 2026

ARTS COUNCIL MALTA

MAĦRUĠ: LULJU 2026

**ALLOCATIONS**

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| Mitt Elf Euro (€100,000) | Tliet Elef Ewro (€3,000) |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻ |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri sa mija fil-mija (100%) tal-ispejjeż totali tal-proġett | 100% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja, it-tressiq tar-rapport finali tal-benefiċjarju u l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill |

| SKADENZA | RIŻULTATI | PERJODU TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| It-tieni (2) ta' Settembru 2026 | Fi żmien għoxrin (20) jum tax-xogħol mit-tressiq tal-applikazzjoni kompluta | Mhux qabel it-tlettax (13) ta' Lulju 2026 u mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) jum ta' Diċembru 2027, inklużi ż-żewġ dati. |

# 1. Introduzzjoni

L-Għotja Legali u Finanzjarja hi waħda mill-għodod tagħna biex nittrattaw u nimplimentaw l-istrateġija kontinwa tal-Kunsill Malti għall-Arti, b'enfażi fuq it-trawwim tal-potenzjal kreattiv u l-appoġġ tal-iżvilupp tiegħu f'attività professjonali.

L-għotja għandha l-għan li tagħti struttura ta' appoġġ li tħeġġeġ lill-prattikanti kreattivi u lill-organizzazzjonijiet kreattivi biex jirrispondu għall-ħtiġijiet professjonali, strutturali u ta' konformità fis-settur. L-Għotja Legali u Finanzjarja tippermetti lill-benefiċjarji jsostnu l-iżvilupp tal-prattika tagħhom. L-għotja ser tiffaċilita l-aċċess għal għarfien espert legali u finanzjarju kkwalifikat, tappoġġa lill-artisti fin-navigazzjoni tal-kuntratti, it-tassazzjoni u l-oqfsa regolatorji, u tipprevjeni jew ittaffi t-tilwim professjonali u l-ġestjoni finanzjarja ħażina filwaqt li tikkontribwixxi għal ekosistema kulturali iżjed reżiljenti.

L-Għotja Legali u Finanzjarja hi għotja ta' darba mfassla biex tipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċità. Din l-għotja għandha l-għan li:

- ssaħħaħ kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur kulturali;
- ttejjeb il-litteriżmu legali u s-sigurtà kuntrattwali;
- ttejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja u l-konformità;
- tnaqqas ir-riskju professjonali assoċjat mal-prattika artistika.

L-applikanti mistennija jagħtu konsiderazzjoni dovuta, kif xieraq, lill-prinċipji ewlenin deskritti fil-Karta għall-Istatus tal-Artisti meta jressqu l-proposta tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-artisti. Dawn jinkludu d-dritt għal-libertà artistika, aċċessibbiltà mtejba, ir-rikonoxximent tal-ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjoekonomiċi deċenti, in-non-diskriminazzjoni u l-ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi u aderenza għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artisti hi maħsuba biex tipprovdi qafas ta' referenza dinamiku għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika jew inizjattiva li tħalli impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi. Tfasslet ukoll biex tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul tal-KMA li jevalwa l-istatus tal-artisti f'Malta skont il-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Definizzjonijiet

Attivitajiet li jaqgħu taħt is-settur kulturali u kreattiv:

1. L-Arti (il-letteratura, l-arti viżiva, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, attivitajiet interdixxiplinari)
2. Servizzi Kummerċjali Kreattivi (id-disinn, l-arkitettura, it-turiżmu kulturali u s-servizzi kulturali)
3. Il-Patrimonju (l-artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet)
4. Il-Midja (materjal ippubblikat u stampat, kontenut awdjoviżiv, inkluż il-produzzjoni ta' films u vidjos, servizzi ċinematografiċi, televixin, logħob diġitali, radju, midja online).

## Applikant

- Applikant jista' jkun prattikant kreattiv jew kwalunkwe entità b'personalità ġuridika separata li ma bbenefikatx minn skemi ta' finanzjament tal-KMA fl-aħħar tliet snin (2024-2026) (ara t-taqsima 3.1). L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew ikunu involuti fil-ġestjoni tal-Għotja Legali u Finanzjarja.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni li titressaq minn applikant eliġibbli (ara t-taqsima 5.1).

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proposta appoġġata mill-iskema. L-identità jew in-natura legali tal-benefiċjarju tal-għotja ma tistax tinbidel matul it-tul tal-proġett iffinanzjat sakemm jinħareġ l-aħħar ħlas. Il-ħlas tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f'isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju.

## Koperattivi

- Il-kooperattivi għandhom ikunu rreġistrati mal-Bord tal-Kooperattivi. Għal aktar informazzjoni żur https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Professjonisti kreattivi

- L-individwi artistiċi u kreattivi kollha li huma attivi b'mod professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Żborż tal-fondi

- L-għotja ser titqassam kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u r-regolamenti. Il-ħlas ser jinħareġ f'isem l-applikant. Meta jressaq l-applikazzjoni l-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv.

## Eliġibbiltà

- Isir skrinjar tal-applikanti mill-Eżekuttiv Superjuri tal-Fond fir-rigward tal-eliġibbiltà. L-iskrinjar tal-applikazzjonijiet isir biex tittieħed deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà skont it-Taqsima 3 ta' dawn il-linji gwida. Proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet li jitqiesu konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

## Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Ġestjoni u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta' din l-Iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet jew aġġornamenti għal proposti magħżula, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida.

### Dokumentazzjoni Obbligatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġaw il-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi jew oħrajn) Irreferi għat-Taqsima 5.1 għal lista dettaljata.

### Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta' tlett elef ewro (€3,000) għal kull proġett. Dan jiġi deċiż każ b'każ skont il-proposta.

### Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, il-Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, il-Malta International Contemporary Arts Space, Jesuits' Church Foundation, De Valette Chamber Orchestra, Festivals Malta, and National Agency for Performing Arts.

### Entitajiet Irreġistrati

- Entità li tkun legalment stabbilita u rreġistrata f'Malta. L-entitajiet irreġistrati jridu jkunu rreġistrati mar-Reġistru Malti tan-Negozji, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' Fondazzjoni u Organizzazzjoni/Assoċjazzjoni.

### Impriża Waħda

- Tinkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet:

a. Impriża waħda jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

b. Impriża waħda jkollha d-dritt taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c. Impriża waħda jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatuti ta' assoċjazzjoni tagħha;

d. Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża – il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

Intrapriżi li jkollhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) permezz ta' intrapriża waħda jew aktar għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda.

### Impriża

- Impriża hija definita bħala entità involuta f'attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-provvista ta' oġġetti u servizzi f'suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża tibqa' dejjem relattiva għal

attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

Organizzazzjoni Volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

# 3. Eliġibbiltà

Qabelxejn il-proġetti jiġu skrinjati għall-eliġibbiltà. Il-proposti ineliġibbli skont il-punti msemmija hawn taħt ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

**Il-perjodu massimu eliġibbli għall-implimentazzjoni tal-proġett:** Mhux aktar minn sbatax-il (17) xahar konsekuttivi.

## 3.1 Min Jista' Japplika?

L-Għotja Legali u Finanzjarja hija miftuħa għal applikanti li ma bbenefikawx minn Skemi ta' Finanzjament tal-KMA fl-aħħar tliet snin (2024–2026). L-applikanti għandhom ikunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza Malti, ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

Applicants must fall within one of the following categories:

- Professjonisti kreattivi/artisti individwali;
- L-entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry (inklużi kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Koperattivi Rreġistrati;
- Organizzazzjonijiet Volontarji rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE.

L-għotja hija miftuħa għal applikanti li jitqiesu bħala impriżi u li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE. L-assistenza ser tingħata skont ir-regolament *de minimis*. Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida għal aktar informazzjoni.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut għax ma jinkludix dawn id-dokumenti obbligatorji:

  - Kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara) jew il-permess ta' residenza f'Malta jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti
- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema speċifika;
- Applikanti li bbenefikaw minn skemi ta' finanzjament tal-KMA fl-aħħar tliet snin;
- Attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali permezz ta' voti skont il-linja stabbilita mill-Gvern;
- Benefiċjarji li ma ressqux jew ma lestewx mill-inqas rapport finali wieħed relatat ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fil-perjodi ta' żmien stabbiliti;
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti[1]

Din l-għotja tista' tkopri sa mija fil-mija (100%) tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta' tlett elef ewro (€3,000) għal kull proposta, skont liema minnhom tkun l-inqas).

L-ispejjeż eliġibbli jeħtieġ ikunu relatati direttament ma' prodott artistiku,

Ser jiġu koperti l-ispejjeż eliġibbli li ġejjin:

- Tariffi għal servizzi legali – bħall-abbozzar, ir-reviżjoni jew in-negozjar ta' kuntratti, pariri dwar il-proprjetà intellettwali (IP) u l-ġestjoni tad-drittijiet, tilwim relatat ma' xogħol artistiku (stadju ta' qabel il-litigazzjoni biss) impjieg jew kwistjonijiet kuntrattwali freelance;
- Tariffi għal servizzi finanzjarji – bħal servizzi ta' kontabbiltà u konsulenza dwar it-taxxa, ippjanar finanzjarju relatat mal-prattika artistika, konformità ma' obbligi fiskali nazzjonali jew internazzjonali;
- Appoġġ Regolatorju u Amministrattiv – bħal appoġġ legali għall-viża/permess tax-xogħol (fejn rilevanti għal xogħol artistiku), assigurazzjoni u rekwiżiti ta' reġistrazzjoni legali.

Kwalunkwe spiża mitluba bħala spiża eliġibbli taħt l-għotja fir-rigward tas-servizzi msemmija hawn fuq tkun eliġibbli biss safejn is-servizzi rilevanti jingħataw minn professjonist kwalifikat bis-sħiħ li jkun awtorizzat kif xieraq biex jipprovdi tali servizzi u li jkollu u jżomm fis-seħħ bis-sħiħ il-mandati, il-liċenzji, ir-reġistrazzjonijiet, il-permessi, l-approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet oħra kollha meħtieġa taħt il-liġi applikabbli għall-provvista legali ta' dawk is-servizzi..

Ir-riċevitur tal-għotja, wara talba mill-Kunsill Malti għall-Arti, għandu jipprovdi evidenza sodisfaċenti tal-kwalifiki professjonali rilevanti u ta' kwalunkwe warrant, liċenzji, reġistrazzjonijiet, permessi, approvazzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet oħra bħal dawn. Kwalunkwe spiża relatata ma' servizzi pprovduti minn persuna li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' din il-klawżola mhux ser tkun eliġibbli għal rimborż jew finanzjament taħt l-għotja.

Għal aktar informazzjoni dwar il-preżentazzjoni tal-baġit tiegħek irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali tal-Baġit tagħna fuq is-sit https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelineshttps://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines.

[1] L-ispejjeż kollha ser jiġu kkunsidrati biss jekk dawn ir-riżorsi ma jkunux diġà koperti/ma jistgħux jiġu koperti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ/sħab.

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

Kwalunkwe spiża għajr dawk indikati fit-Taqsima 3.3 mhux ser jiġu koperti.

Spejjeż mhux eliġibbli jinkludu:

- Tariffi artistiċi tal-applikant stess;
- Spejjeż diġà koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew programm/skema oħra ta' finanzjament pubbliku ġestita jew koġestita mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-Gvern jew ministeru ;
- Spejjeż mhux direttament marbuta ma' attività artistika u/jew kulturali professjonali;
- Spejjeż diġà koperti permezz tal-baġits operattivi tas-soltu ;
- Tariffi għal servizzi mogħtija minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-gvern, jew ministeru ;
- Spejjeż ta' litigazzjoni lil hinn mill-konsultazzjoni legali inizjali;
- Ħlas ta' multi u penali legali jew amministrattivi (inklużi kemm l-ammonti prinċipali kif ukoll dawk tal-imgħax), kif ukoll djun dovuti lil partijiet terzi;
- Rimborż tas-salarji jew parti minnhom;
- Spejjeż retroattivi;
- Sussistenza, catering, u ospitalità .

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, mal-arti u mal-industriji kreattivi;
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propaganda politika;
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew għaż-żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, premjijiet jew boroż ta' studju;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b'vot fuq linja baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta' Kontroll;
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew minn riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti;
- Inizjattivi taħt Festivals Malta, l-Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat iddedikat għall-arti u/jew il-kultura Maltija;
- Proġetti li diġà jkunu bdew u/jew saru qabel ma r-riżultat jiġi nnotifikat lill-applikant(i);
- Proġetti b'durata li ma tidħolx fl-iskeda ta' żmien eliġibbli.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Għotja Legali u Finanzjarja mhix eliġibbli għal dan l-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jibbenefikaw minn applikazzjoni waħda biss (1) għal kull sessjoni.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

### 4.1 Kriterju 1: Ir-Rilevanza u l-Ġustifikazzjoni tal-Ħtieġa (40 marka)

- Kemm l-applikant jidentifika b'mod ċar il-ħtieġa legali u/jew finanzjarja? (20 marka)
- Sa liema punt l-attività proposta hi meħtieġa u xierqa biex tittratta din il-ħtieġa? (10 marki)
- Kif il-ħtieġa legali u/jew finanzjarja hi direttament relatata mal-prattika artistika professjonali tal-applikant? (10 marki)

### 4.2 Kriterju 2: Ir-Riżultati Mistennija u l-Benefiċċju Professjonali (20 marka)

- Sa liema punt l-attività proposta ser ittejjeb b'mod tanġibbli s-sitwazzjoni professjonali tal-applikant? (10 marki)
- L-attività proposta ser tikkontribwixxi għal aktar stabbiltà finanzjarja, ċarezza legali jew mitigazzjoni tar-riskji? (10 marki)

### 4.3 Kriterju 3: Il-Profil u l-Prattika tal-Applikant (20 marka)

- L-applikant juri prattika artistika u/jew kulturali attiva u kontinwa? (10 marki)
- Hemm evidenza ta' involviment u impenn professjonali fil-qasam tagħhom? (10 marki)

### 4.4 Kriterju 4: Fattibilità u Valur għall-Flus (20 marka)

- Is-servizzi proposti huma xierqa u proporzjonati għall-ħtieġa identifikata? (10 marki)
- L-ispejjeż huma ġustifikati u realistiċi? L-applikant jipprovdi l-kwotazzjonijiet meħtieġa biex jappoġġa l-ammont mitlub? (5 marki)
- L-attività tista' titwettaq fil-perjodu ta' żmien propost? (5 marki)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u r-regolamenti bir-reqqa.
2. Iċċekkja jekk l-idea mressqa minnek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema.
3. Agħfas fuq il-link li jieħdok għas-sistema ta' applikazzjoni online.
4. Oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq Irreġistra u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA mill-inqas ġimagħtejn qabel l-iskadenza tas-sejħa. Ir-reġistrazzjoni ta' profil bħal dan illi ssir aktar tard mill-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi hawn fuq tista' twassal lill-Kunsill Malti għall-Arti biex jiddeċiedi li ma jipproċessax jew ma jevalwax l-applikazzjoni.

F'każ ta' diffikultà jew jekk tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula tal-applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux se jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data ta' skadenza għall-applikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

A decision on funding will be made on the strength of the submitted information, including documentation in support of the proposal.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa u tad-dokumenti ta' sostenn għall-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 5.1 Lista ta' Kontroll

Sabiex ikunu kompluti l-applikazzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT (fejn applikabbli);
- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri li l-applikant ikun kontribwent tat-taxxa f'Malta;
- Formula ta' dikjarazzjoni de minimis mimlija u ffirmata ;
- Bijografija/CV artistika li għandha tiġi inkluża fil-profil tal-applikant;
- Jekk applikabbli, prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija;
- Jekk applikabbli, l-aħħar Ċertifikat ta' Good Standing (fejn applikabbli). Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u jagħti prova ta' konformità;
- Stimi għall-ispejjeż mitluba mill-proposta;
- Midja li turi l-attività artistika u/jew kulturali tal-applikant;
- Kampjuni ta' xogħol;
- Fajl awdjo jew awdjoviżiv li ma jaqbiżx il-5 minuti fejn l-applikant jagħti deskrizzjoni qasira, raġuni u/jew motivazzjoni għat-tressiq ta' din il-proposta.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema hi mmaniġġata abbażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel u mhix kompetittiva. Ser tiġi evalwata skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju għandu allokat għadd ta' marki speċifiċi. Sabiex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, il-proġetti jridu jiksbu medja ta' mill-inqas 60 marka .

Madankollu s-sessjoni ta' evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti mressqa u mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk jekk proġett jikseb 60 marka jew aktar ma jfissirx awtomatikament li ser jingħata l-fondi. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi totali disponibbli għal sejħa partikulari kemm-il darba l-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ skont il-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwaturi magħżulin mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni dwar kull wieħed mill-proġetti proposti u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Komunikazzjoni tar-riżultati

On the day indicated on page 2 ('Results'), you will receive your result notification from Arts Council Malta.

Fil-jum indikat f'paġna 2 ('Riżultati') għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti.

The names of the successful proposals will be published; in the case of proposals which have not been awarded any funds, only their reference number will be published.

L-ismijiet tal-proposti li jirnexxu se jiġu ppubblikati. Fil-każ ta' proposti li ma ngħataw ebda fondi se jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollеċitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-Eżekuttiv Superjuri tal-Fond, il-Ġestur tal-Fond u l-Evalwaturi titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi wkoll fil-Ftehim tal-Għotja.

# 7. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġett

Taħt l-ebda ċirkustanza l-Kunsill mhu ser iżid l-għotja mogħtija .

Kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond ser jiġi ffirmat bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-benefiċjarju. L-għotja tista' tingħata biss mat-tlestija tal-proċess imsemmi hawn fuq fiż-żmien stabbilit.

Mija fil-mija (100%) tal-ammont totali allokat mill-Kunsill Malti għall-Arti ser jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt, it-tressiq tar-rapport finali mill-benefiċjarju u wara l-approvazzjoni mill-Kunsill.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġat mill-għotja kif ġej: **Appoġġat mill-Kunsill Malti għall-Arti**, fil-kummerċjalizzazzjoni, ir-relazzjonijiet pubbliċi u fil-materjal stampat kollu. L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-iskop li tkun għalih ingħatat, f'konformità mal-proposta mressqa u mal-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill Malti għall-Arti minnufih jekk waqt l-implimentazzjoni jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tal-proġett. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet jekk ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk xi bidla fil-proġett titqies mhux konformi mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Fi tmiem il-proġett tiegħek tintalab rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq u l-kisbiet tal-proġett sa mhux aktar minn sitt (6) ġimgħat wara li tikkonkludi l-proġett tiegħek. Il-Kunsill Malti għall-Arti jipprovdilek mudell għar-rapport tiegħek. Jekk rilevanti, flimkien ma' dan ir-rapport il-benefiċjarji għandhom iressqu kopji ta' kwalunkwe materjal ta' kummerċjalizzazzjoni, pubbliċità jew informazzjoni rilevanti żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji ser jintalbu wkoll iressqu evidenza tal-proċess ta' riċerka li tinkludi dokumentazzjoni viżiva, blogs u dokumentazzjoni oħra.

Tintalab ukoll tippreżenta baġit finali aġġornat flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha.

Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-dritt juża l-materjal tal-proġett imressaq minnek.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriżerva d-dritt li jirkupra l-fondi jekk dawn ma jkunux qed jintużaw u/jew ikunu qed jintużaw ħażin u/jew ma jkunux qed jintużaw skont il-baġit imressaq.

ARTS COUNCIL MALTA

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jagħmlu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq u tal-evalwazzjoni skont l-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern
- Il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġetti tagħhom.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġetti tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jipprovdi spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tkun finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma Bord biex jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun finali.

# 9. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE

L-iskema ser tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.

This regulation applies to aid granted to undertakings in all sectors, with the exception of:

1. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;
2. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq;
3. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
4. għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin :
   a. meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew kwantità ta' prodotti ta' dak it-tip mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati ;
   b. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;
5. għajnuna mogħtija għal attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew nefqa kurrenti oħra marbuta mal-attività ta' esportazzjoni;
6. għajnuna dipendenti mill-użu ta' prodotti u servizzi domestiċi fuq prodotti u servizzi importati.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi l-Għajnuna mill-Istat kollha mogħtija minn din l-iskema ta' għajnuna u kull miżura oħra ta' Għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-regola *de minimis*, inkluża dik mogħtija minn kwalunkwe entità għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kull għajnuna *de minimis* li taqbeż il-limitu stabbilit trid tiġi rkuprata bl-imgħax mill-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

F'dan ir-rigward ser jiġu rrispettati r-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna kif deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*.

L-applikanti għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni *de minimis* li tindika kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li rċevew u/jew li applikaw għaliha matul it-tliet snin ta' qabel. Dan jiżgura li l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda skont ir-regola de minimis ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, l-applikant jitqies bħala ineliġibbli u għaldaqstant l-għotja tingħata lill-applikant ikklassifikat warajh.

F'konformità mar-regolament *de minimis*, ir-rekords dwar l-għajnuna *de minimis* għandhom jinżammu tul 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna taħt l-iskema.

## Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026 l-informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema għandha tkun disponibbli pubblikament f'reġistru ċentrali.

L-informazzjoni li ġejja ser issir pubblika:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għajnuna;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- the is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli f'kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek ikunux konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Ħossok liberu li ċċemplilna fuq 2334 7230, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn id-09:00 u l-16:00, jew li tibgħatilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Linji gwida aġġornat fit-30 ta' Ġunju 2026**